**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 14 ta' Dicembru, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 92/2022 AF**

**Lineker David Micallef**

**Marco Micallef**

**Mavis Micallef**

**vs**

**Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Zghazagh)**

**L-Avukat tal-Istat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' l-atturi Lineker David Micallef, Marco Micallef u Mavis Micallef, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti Lineker David Micallef huwa missier il-minuri Lincoln Briffa li twieled nhar il-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) filwaqt li r-rikorrenti l-ohrajn ossia l-konjuġi Marco Micallef u Mavis Micallef huma n-nanniet tal-imsemmi minuri.

Fid-data tal-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) ir-rikorrenti gew infurmati li kienet inharget Ordni tal-Harsien a favur Lincoln Micallef u dana bis-sahha tas-setghat moghtija bl-Artikolu 4 tal-Att 1980 dwar Tfal u Zaghzagh (Ordnijiet ghall-Harsien).

Ir-rikkorrenti kienu oggezzjonaw ghall-imsemmija ordni ghall-harsien skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 285 tal-Ligijiet ta' Malta.

Però l-ingustizzja saret meta dak in-nhar tas-smigh tal-oggezzjoni ghall-ordni tal-harsien ghal xi raguni ma thallewx jidhlu gewwa quddiem il-Qorti tal-Minorrenni u ghalhekk l-istess Qorti kkonfermat l-ordni ghall-harsien minghajr ma kellhom smigh xieraq u konsewgentement *in contrario* tal-principji ta' *audi alteram partem*; u dan if ser jigi ppruvat waqt il-mori ta din il-kawza.

Tajjeb li jigi rilevat illi in segwitu tal-Care Order ic-Children & Young Persons Advisory Board qatt ma ghamlu r-reviews ta' kull sitt xhur sabiex jaraw il-care plan u progress u dan sabiex jirrakommandaw pjan ghal gejjieni biex jinkiseb bilanc mehtieg bejn l-interessi tal-minuri u tal-familjari tieghu, izda *di più* meta gie imwaqqaf l-Kapitolu 602 tal-Liġijiet ta' Malta li titratta dwar Minor Protection (Alternative Care Act); is-socjetà konvenuta, wara snin ta' inadempjenza minn naħa tagħha, applikat l-imsemmija liġi minnufih. Dan kollu sar bi skop ewlieni sabiex jaġevolaw il-*foster parents* li prezentement qieghed jirrisjedi l-minuri maghhom li l-uniku hsieb li ghandhom huwa sabiex

jaddottaw il-minuri tant hu hekk li l-minuri gja qed jghid li kunjomu ser jigi nbiddel ghal dak ta' Vella; kunjom il-*foster parents* dana nonostante li kien inbeda proċess konsultattiv mal-Ministru li kien ħareġ il-care order sabiex jippruvaw jew jagħmlu reviżjoni ta' l-istess care order u r-rikorrent Lineker Micallef jerġa jieħu l-kustodja tal-minuri f' idejħ u/jew li jergghu jigu analizzati ir-rikorrenti Marco u Mavis Micallef sabiex bħala n-nanniet il-kustodja tal-minuri tghaddi f'idhom u ma tibqax f'idejn terzi.

Minhabba din id-deċizjoni arbitrarja, illegali u infondata r-rikorrenti qegħdin jiġu preġudikati fid-dritt tagħhom għall-familja skont kif sanat fl-Artikolu 8 (1) tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Illum il-ġurnata r-rikorrent Lineker Micallef, il-missier bijoloġiku tal-minuri ħareġ min kwalunkwe vizzju li kellu, ifforma familja u anki qiegħed irabbi wild ieħor minbarra li qiegħed jiġġestixxi negozju u għalhekk żgur ma fadal l-ebda raġuni valida fil-liġi għalfejn il-care order fil-konfront tal-minuri Lincoln Micallef għandha tibqa fis-seħħ; Illi di più l-minuri illum il-gurnata qieghed johrog ma missieru wahdu ghal diversi sieghat u allura l-missier qieghed jigi fdat wahdu mal-minuri tenut kont anke li ilu ghal aktar minn tlett snin fuq it-triq it-tajba.

Is-subartikoli (2) tal-istess Artikolu 8 jipprovdi li: '*Ma ghandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun mehtieg f'socjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-ghemil ta' delitti, ghallprotezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor.'*

Fil-kaz ta' ordni ghall-harsien "*the taking of a child into case should normally be regarded as a* ***<u>temporary measure to be discontinued as soon as circumstances permit</u>*** *and any measure of implementation of temporary care should be consistent with the ultimate aim of reuniting the natural parent and the child. In this regard a fair balance has to be struck between the interests of the child in remaining in public care and those of the parent in being reunited with the child."*

In oltre, hemm ksur lampanti tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti taht l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dana peress li ma hemmx rimedju taht l-Att tal-1980 dwar it-Tfal u z-Zghazagh (Ordnijiet ghall-Harsien) biex la darba jinhareg Ordni ghall-Harsien, decizjoni bhal dik tkun mistharrga minn Qorti imparzjali u indipendenti u li r-revizjoni ta' Ordni bhal dak tiddependi mid-diskrezzjoni tal-Ministru li jkun hu stess li hareg ordni bhal dak.

Skond il-Ligi, l-Ordnijijet ghall-Harsien huma permanenti u r-rikorrenti m'ghandom l-ebda mezz fil-ligi jitolbu revizjoni tal-Ordni tal-Harsien li nhareg fil-konfront tal-familjari taghhom minn Qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali.

## B. Ragunijiet ghat-Talbiet Atturi

Il-ligi taghna ma holqitx procedura gudizzjarja, oltre l-ewwel revizjoni li tista' tintalab biex ssir mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorrenni, sabiex jigi attakat l-ordni ghall-harsien jew sabiex issir revizjoni dwar iz-zamma fis-sehh ta' dak l-ordni ghall-harsien. Minflok, tali revizjoni tista' ssir biss fuq diskrezzjoni tal-Ministru li jkun hareg l-Ordni u mill-organi interni fi hdan l-istess Ministru.

Ghalhekk, ir-rikorrenti m'ghandhomx access ghal sistema gudizzjarja li toffri smiegh xieraq, senjatament Qorti indipendenti u imparzjali illi tista' tirrivedi lOrdnijiet ghall-Harsien li nhargu fil-konfront tal-familjari taghhom. Fil-fatt fis-sentenza taghha tas-sbatax (17) ta' Lulju elfejn u tnax (2012), f'kaz rigward l-Ordinijiet ghal-Harsien, il-Qorti ta' Strasbourg kienet sabet illi l-Istat Malti kien ikkommetta ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja peress illi f'dawn il-kazi ma jezistix ghal persuni kkoncernati '… ***access to a court to challenge the care order affecting their family situations.' In the determination of his civil rights and obligations.. everyone is entitled to a fair hearing by (1) tribunal***.

Madankollu fil-kawza **Marianna Decelis vs AG** deciza per imhallef JR Micallef fit-2 ta' April 2009 il-Qorti provdiet li *ma jidher li l-ligi tipprovdi ghall-ebda rimedju gudizzjarju iehor fil*

*kaz ta min ikun naqas li joggezjona ghal ordni fiz-zmien statutorju msemmi jew ghal min. minkejja li ma tkunx intlaqghet l-oggezzjoni ikun jixtieq li jitlob revizjoni minn zmien ghal zmien taz-zamma fis-sehh ta' ordni bhala dak. Huwa dwar din l-ahhar cirkostanza li r-rikkorrent ssejjes l-ilment taghha bi ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.*

Mhux biss hekk izda l-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' ***M.D. and others vs Malta , Kaz Nru 64791/10 deciza 17 ta' Lulju 2017***; *The Court notes that the Civil Court in its constitutional jurisdiction had found that there was no remedy granting access to a court for the first applicant or anyone in her position wanting to have the merits of a care order re-examined (see paragraph 18 above). Similarly, the Constitutional Court alluded to the same conclusion, although it did not make a finding on that issue (see paragraph 22 above). The Government have not submitted that a judicial remedy existed to challenge a care order during the time it was in force, namely until the minors reached eighteen years of age. Indeed, the Government argued that the courts would not be the right venue for such an assessment. The Court considers that such an argument runs counter to the entire basis of Article 6, which provides for access to an impartial and independent tribunal for the determination of civil rights and obligations. It is precisely a tribunal's role to supervise administrative action in any field and guarantee freedom from arbitrariness. Moreover, any assessment made by the courts would evidently take into consideration the input given by the relevant actors, such as the social workers in the present case. It follows that the Government's argument is no excuse for the fact that the Maltese system provided no access to a tribunal which could evaluate the applicants' situation.* /56/. *Moreover, the Court cannot accept that a review by the social workers who reported to the Minister, who could in turn revoke a care order, would constitute an "impartial and independent tribunal". Furthermore, the legal framework providing for this process did not afford the possibility for the applicants to make such an application, nor has it been shown that any decision in this field would be written and made public in order to provide for the possibility of a judicial review.*

It-tgawdija tal-ulied mill-ġenituri tagħhom u ta' dawn minn uliedhom hija element ewlieni u fundamentali tal-ħajja tal-familja. It-teħħija tal-ulied minn mal-ġenituri tagħhom tista' titqies bħala indħil fid-dritt jew ir-rispett tal-ħajja tal-familja ta' persuna. Tali indħil jista' jammonta għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali sanċiti that l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, jekk dan ma jkunx skont il-parametru tal-liġi, jekk kif interpretati fil-każistika tal-Qorti.

Stante li l-Ordnijiet għal-Ħarsien mhumiex ta' natura temporanja, iżda jibqgħu jissussistu sakemm il-minuri jagħlqu tmintax-il sena, jew sakemm l-Awtoritajiet kompetenti, fid-diskrezzjoni totali tagħhom, ikunu tal-fehma li għandhom jitneħħew, dawn l-Ordnijiet huma leżivi tad-drittijiet tar-rikorrenti hekk kif sanċiti tajt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dana peress illi f'kaz ta' Ordni ta' Ħarsien '*the taking of a child into care should normally be regarded as a temporary measure to be discontinued as soon as circumstances permit, and any measure of implementation of temporary care should be constent with the ultimate aim of reuniting the natural parent and the child*'.

Inoltre, il-fatt li r-reviżjoni tal-każ li ssir mill-Awtorità Kompetenti hija skont il-liġi ma jfissirx awtomatikament illi din tissodisfa l-parametri tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-proċedura ta' reviżjoni f'dawn il-każijiet tagħti lill-Awtoritajiet kompetenti diskrezzjoni bla razan u hija nieqsa mill-element ta' foreseeability. Għalhekk dan jissarraf fi ksur tal-jeddijiet tar-rikorrenti sanċiti taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja peress illi l-Istat naqas mill-obbligu affermattiv tiegħu '… *to provide procedural safeguards against arbitrary treatment as a condition of justifying intereference with article 8 rights is also a feature of decisions to remove children from their parents in the interests of the children's welfare and to impose conditions upon the access of parents to their children who are in public care*'.

Madankollu tajjeb li jiġi rilevat illum mhux talli l-attur Lineker David Micallef ilu għal dal-aħħar tlett snin fuq it-triq it-tajba iżda l-gurnata tal-lum joħroġ mal-minuri ibnu Lincoln Micallef waħdu u dana minbarra l-fatt li għandu tarbija oħra li tiġi oħt Lincoln; li qed irabbi f'ambjent ta' familja mingħajr ebda problema u dana

minbarra ghandu xoghol fiss qieghed jegestixxi attivita kummercjali ghar-rasu.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi r-rikorrenti soffrew ksur tal-jeddijiet taghhom hekk kif gie vjolat id-dritt ghas-smigh xieraq hekk kif sancit taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta sanciti taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Liberitajiet tal-Bniedem.

2. Taghmel dawk l-ordnijijet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-dritt xieraq tar-rikkorrenti inkluz li tannulla l-procediment intier li wassal ghall-Ordnijiet ta' Harsien u l-istess Ordnijiet fil-konfront tal-minuri Lincoln Micallef u dan taht il-provedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni.

3. Tiddeciedi u tiddikjara illi r-rikorrenti soffrew ksur tal-jeddijiet taghhom hekk kif sanciti that l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

4. Taghti kull rimedju effettiv ghall-vjolazzjonijiet lamentati inkluz skont ic-cirkostanzi tal-kaz, ir-rexissjoni tal-Ordnijiet ghal-Harsien imsemmija.

5. Tikkumpensa lir-rikorrenti kollha jew min minnhom ai termini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea.

6. Taghti kull rimedju iehor effettiv fosthom li tirritorna lill-minuri Lincoln Micallef fil-kura tar-rikkorrenti fl-interess suprem tal-minuri b'dawk il-kondizzjonijiet kollha li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament, in kwantu l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fil-konfront ta' Ordni maħruġa mid-Direttur intimat u allegati nuqqasijiet da parti tad-Direttorat intimat, dan ifisser illi t-tilwima tar-rikorrenti hija mad-Direttorat intimat, debitament citat in gudizzju. L-esponent ghalhekk jeċepixxi illi ġaladarba ir-rikorrenti mhumiex qed jattakaw xi dispożizzjoni partikolari tal-liġi u lanqas xi għemil magħmul mill-Avukat tal-Istat, l-Avukat tal-Istat ġie mħarrek bla bżonn f'dawn il-proċeduri u dan ai termini tal-**artikolu 181B tal-Kap. 12** tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentament l-esponent Avukat tal-Istat għandu jiġi **liberat mill-osservanza tal-ġudizzju**.

Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jeċċepixxi illi r-rikorrenti għandhom **rimedju ordinarju effettiv, inter alia,** ai termini tal-artikoli 33(1) u 66(1) tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta, Illi jsegwi għalhekk illi ladarba r-rikorrenti kellhom u għad għandhom il-fakoltà illi jagħmlu użu minn tali rimedju ordinarju, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha f'dan il-każ u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso għall-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Preliminarjament, billi r-rikorrenti qegħdin iressqu talbiet illi, jekk jintlaqgħu, l-eżitu tagħhom ċertament illi ser jaffettwa d-drittijiet tal-minuri Lincoln Micallef illi mhuwiex rappreżentat bħala parti fil-kawża odjerna, l-esponent jeċepixxi n-nuqqas ta' **integrità tal-ġudizzju**, billi l-istess minuri ma hux parti mill-kawza.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jirrizultax illi r-rikorrenti Marco Micallef u Mavis Micallef, u cioè in-nanniet tal-minuri, ghandhom l-interess guridiku mehtieg sabiex iressqu din l-azzjoni.

Fil-mertu, l-esponent jeċepixxi illi mhuwiex edott bil-fatti *stante* li ma kienx involut bl-ebda mod fil-każ u għaldaqstant jirriżerva illi jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Sa fejn l-ilment tar-rikorrent jinsab magħmul abbażi tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, jingħad illi sabiex id-dritt ta' smigħ xieraq jiġi ddikjarat li gie lez, huwa xieraq li l-proċeduri jridu jiġu kkunsidrati **b'mod sħiħ**. Kull każ irid jiġi kkunsidrat fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku, u kull każ għandu jiġi studjat skont il-fattispeċji tiegħu.

B'żieda ma' dan, mill-fatti posti mir-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi r-rikorrenti għad għandhom rimedji effettivi u li ma jirriżultax, għall-inqas mill-fatti kif posti fir-rikors promotur, illi hemm xi xkiel illi qiegħed iwaqqaf lir-rikorrenti milli jkollhom aċċess għall-Qrati.

Sa fejn l-ilment tar-rikorrent huwa mibni fuq l-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea** dan ukoll mhuwiex mistħoqq għaliex il-provvedimenti tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll il-miżuri neċessarji sabiex jiġu segwiti tali provvedimenti huma ġustifikabbli f'soċjetà demokratika għaliex qegħdin hemm biex iħarsu l-**aħjar interessi tal-ulied.**

Fil-premessa numru 10 tar-rikors promotur, minkejja illi jiġi rilevat illi ma hemmx talba f'dan is-sens fl-istess rikors, ir-rikorrenti jisħqu illi jeżisti **ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea**. Illi l-esponent itenni illi jeżistu għadd ta' rimedju ordinarji illi r-rikorrenti għad m'għamlux użu minnhom u għaldaqstant ċertament illi ma hemm ebda ksur ta' dan l-artikolu. Dan jingħad mingħajr preġudizzju għall-fatt illi kif diġà ngħad, ma saret ebda talba fir-rikors promotur sabiex jinstab ksur ta' dan l-artikolu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt ġjaladarba r-rikorrenti ma soffriet l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

Rat ir-risposta tad-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ), li in forza taghha gie eccepit illi:

Meta twieled il-minuri Lincoln, is-servizzi tal-ħarsien tat-tfal kienu tkellmu mal-ġenituri u man-nanniet dwar it-tħassib serju tagħhom u fuq il-possibilità ta' ordni għall-ħarsien kemm-il darba dak it-tħassib ma jiġix indirizzat.

L-ewwel għażla tas-servizz kien li jidħlu f'kuntratt soċjali man-nanniet paterni sabiex il-minuri jitrabba mill-istess nanniet iżda l-istess nanniet paterni kienu kisru l-kuntratt soċjali.

Sussegwentement inħarġet l-ordni għall-ħarsien u l-minuri tqiegħed ġo *foster placement* minn età tenera u għadu jirrisjedi fl-istess *foster placement* sal-lum il-ġurnata wara li għaddew erba' snin.

Kienet daħlet oġġezzjoni għall-ħruġ tal-ordni għall-ħarsien iżda l-Qorti tal-Minorenni kienet ikkonfermat l-istess ordni għall-ħarsien wara li żammet is-smigħ opportun skont id-dispożizzjoni tal-liġi applikabbli dak iż-żmien.

Il-każ tal-minuri Lincoln ġie rivedut mill-predeċessur tal-Bord ta' Reviżjoni u ċioè l-Bord Konsultattiv għat-Tfal u Żgħażagħ u aktar riċenti mill-Bord ta' Reviżjoni skont id-dispożizzjoniijet tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-proċeduri.

F'Lulju 2018 saret laqgħa flimkien mal-ġenituri tal-minuri Lincoln, inkluż ir-rikorrenti Lineker Micallef u n-nanniet paterni sabiex jiġi diskuss il-futur tal-minuri stante li l-ġenituri tal-minuri kienu ngħataw tlett snin priġunerija u kien ġie maqbul illi l-minuri jkollu aċċess taħt superviżjoni ġewwa l-ħabs.

F'Marzu 2019 in-nanniet paterni kienu għamlu t-taħriġ neċessarju sabiex isiru *foster carers* iżda ma kienux ġew approvati mill-Bord tal-Fostering li huwa Bord indipendenti u mparzjali mid-Direttorat intimat u mis-servizz għall-ħarsien tat-tfal (ilum Direttorat). Illi n-nanniet paterni kienu daħlu oġġezzjoni għad-deċiżjoni tal-Bord quddiem l-istess Bord minflok quddiem il-Qorti kompetenti u għalhekk ma kienitx saret reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Bord.

F'Mejju 2019 ir-rikorrenti ntavolaw rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) b'talba sabiex jiġu fdati bil-kura u kustodja tal-minuri Lincoln minkejja li kienu jafu li hemm ordni għall-ħarsien fis-seħħ. Fir-rikors imsemmi, in-nanniet paterni fl-ebda punt ma semmew l-ordni għall-ħarsien biex b'hekk żgwidaw lill-Onorabbli Qorti u t-talbiet ġew milqugħa permezz ta' digriet f'Novembru 2019.

Madanakollu l-istess digriet ta' Novembru 2019 ġie revokat mill-istess Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti nhar is-7 t'Awwissu 2020.

Skont il-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta, la darba għaddew aktar minn sentejn minn meta l-minuri daħal f'kura alternattiva, il-Bord ta' Reviżjoni kkunsidra jekk il-minuri kellux jingħata permanenza fil-*placement* li jinsab fih jew jekk kienx hemm possibiltà ta' reintegrazzjoni. Waqt is-sessjoni tal-Bord tat-28 t'Ottubru 2021, id-Direttorat esponenti ressaq il-pjan illi l-minuri jibqa' f'kura alternattiva iżda jkun hemm kollaborazzjoni ikbar bejn il-*foster carers* u n-nanniet paterni sabiex ikun hemm aċċess aktar ampju. Madanakollu, il-Bord wara li sema' lir-rikorrenti, iddeċieda illi d-Direttorat iressaq rakkomandazzjoni finali f'April 2022.

F'Jannar 2022 ir-rikorrenti talbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex id-Direttorat esponenti jitwaqqaf milli jipproċedi bl-assessjar tiegħu u l-minuri jitwaqqaf milli jiġi rilaxxat għall-addozzjoni – anke jekk tali deċizjoni taqa' taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Minorenni u mhux tad-Direttorat esponenti. It-talba għal mandat ġiet miċħuda permezz tad-digriet kamerali ta' nhar it-2 ta' Frar 2022.

Id-Direttorat ressaq ir-rakkomandazzjonijiet finali tiegħu f'April 2022, u sussegwentement il-partijiet ingħataw sal-10 ta' Mejju 2022 sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom u dan kollu juri li huma qed jingħataw d-drittijiet kollha li jsemmgħu leħinhom. Il-Bord tar-Reviżjoni sejjer jagħti d-deċiżjoni finali tiegħu f'Ġunju 2022 u wara tali deċiżjoni l-partijiet għandhom ukoll dritt ta' appell kemm-il darba jħossuhom aggravati minn tali deċiżjoni. Huwa għalhekk ċar li r-rikorrenti għad għandhom

drittijiet u rimedji għad-dispożizzjoni tagħhom li għadhom ma utilizzawx.

Konsiderazzjonijiet Legali

Prinċiparjament irid jingħad illi r-rikorrenti **ma utilizzawx ir-rimedji ordinarji skont il-liġi applikabbli**:

a. Illi bejn l-2018 u l-2020, kien japplika għas-sitwazzjoni odjerna l-Kap. 285 tal-Liġijiet ta’ Malta li kien jipprovdi proprju f’artikolu 4 (5) illi meta l-Qorti tal-Minorenni kienet tikkonferma ordni għall-ħarsien, il-ġenituri jew l-kustodji legali ta’ minuri kellhom il-jedd li jitolbu reviżjoni wara erba’ xhur mill-konferma. **Dan, ir-rikorrenti, m’għamluhx**;

b. Illi dan ir-rimedju kien proprju daħal wara li l-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabet vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-Sinjura Marianne Decelis. Tali rimedju kien ġie introdot fil-Kap. 285 tal-Liġijiet ta’ Malta permezz tal-Att XXXIII tal-2014 u għalhekk mhemmx dubju li kien disponibbli għal każ *de quo*;

c. Illi fl-2020 kien daħal fis-seħħ il-Kap. 602 tal-Liġijiet ta’ Malta liema Kapitolu kien irrevoka l-Kap. 285. Bis-saħħa tal-artikolu 13 (6) tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta’ Malta kull parti nteressata tista’ titlob li l-Qorti tal-Minorenni tħassar, tirrevoka jew tibdel deċiżjoni relatata ma’ pjan ta’ kura. **Ir-rikorrenti ma ntavolaw l-ebda rikors taħt dan l-artikolu;**

d. Illi d-deċiżjoni tal-Bord ta’ Reviżjoni jekk il-minuri jibqax fil-*placement* kurrenti tiegħu jew le għadha pendenti wara li l-istess Bord talab assessjar aktar profond u li d-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal jagħlaq l-investigazzjoni pendenti tiegħu fuq l-aħħar rapporti li saru. Madanakollu, artikolu 33 (9) tal-Kap. 602 jipprovdi rimedju ordinarju għal kull minn iħossu aggravat minn tali deċiżjoni u ċioè li jitlob lill-Qorti tal-Minorenni jirrivedi d-deċiżjoni tal-Bord. Dan, ir-rikorrenti għadhom

m'għamluhx stante li għadhom ma waslux f'dak l-istadju;

e. Illi *di piu'* artikolu 66 tal-Kap. 602 jagħti r-rimedju illi kull parti li tħossha aggravata minn deċiżjoni tkun tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-terminu preskritt. Ir-rikorrenti għal darb'oħra ma ntavolaw l-ebda appell sal-mument tal-intavolar tal-proċeduri odjerni u dan stante l-fatt illi d-deċiżjoni ta' permanenza *o meno* li tirrigwardja lill-minuri Lincoln Micallef għadha ma tteħditx. <u>Għaldaqstant jidher bl-aktar mod ampju u ċar illi t-talbiet kif dedotti fir-rikors odjern huma intempestivi u prematuri!</u>

Id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti fir-rikors tagħhom illi saret inġustizzja magħhom għaliex dak in-nhar tas-smigħ tal-oġġezzjoni għall-ordni għal ħarsien ma tħallewx jidħlu quddiem il-Qorti tal-Minorenni m'għandix mis-sewwa u hija ntiża biss biex tiżgwida lil din l-Onorabbli Qorti. Dan għaliex kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, dakinhar tas-smigħ tal-oġġezzjoni għall-ordni għall-ħarsien, il-missier Lineker Micallef ma kienx hekk rikonoxxut tant li l-ordni għall-ħarsien ħarġet fuq il-minuri bħala Lincoln Briffa. Għaldaqstant ir-rikorrenti ma tħallewx jidħlu għas-smigħ mhux b'inġustizzja iżda għaliex dakinhar tas-seduta huma ma kellhomx *locus standi.*

<u>Assolutament mhux minnu illi l-Bord Konsultattiv għat-Tfal u Żgħażagħ mgħamlux laqgħat ta' reviżjoni dwar il-minuri Lincoln u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża</u>.

Lanqas mhu minnu ili d-Direttorat esponenti kien "inadempjenti" fir-responsabbiltajiet tiegħu matul is-snin. Id-Direttorat esponenti segwa lill-minuri mill-qrib kemm qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kap. 602 kif ukoll wara. Fil-mori tal-kawża ser jiġi ppruvat kif id-Direttorat esponenti żamm laqgħat nhar il-21 ta' Ġunju 2018, fil-25 ta' Lulju 2018, fis-27 ta' Marzu 2019, fil-11 ta' Lulju 2019, fid-9 ta' Marzu 2021,u fl-14 ta' Ottubru 2021. *Di più* ir-rikorrenti missier ġie mistieden għal laqgħa mal-ħaddiema soċjali għal nhar it-23 ta' Ottubru, l-24 ta' Ottubru u fit-13 ta' Novembru 2018 iżda l-missier naqas milli jattendi.

Kwalunkwe deċiżjoni li ttieħdet mill-awtorità kompetenti sabiex il-minuri jibqa' f'kura alternattiva sal-preżent, dejjem ittieħdet fl-aħjar interess tal-minuri Lincoln Micallef anke meta l-aħjar interess tiegħu kien konfliġġenti mal-interessi tar-rikorrenti. L-interess suprem tal-minuri huwa l-gwida fir-rakkomandazzjonijiet tad-Direttorat esponenti u fil-pjan ta' kura tal-istess minuri.

Għalhekk ma ttieħdet l-ebda raġuni b'mod arbitrarju, illegali u nfondat kif qed jiġi allegat mir-rikorrenti u għalhekk mhux minnu li ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrenti. Madanakollu, id-Direttorat esponenti jistieden lil din l-Onorabbli Qorti tapprezza illi li kieku għas-saħħa tal-argument, id-Direttorat jiddeċiedi li jaqla' lill-minuri minn dik li hu jikkonsidra bħala r-residenza u l-familja primarja tiegħu sabiex jissodisfa lir-rikorrenti, ser ikun qed jikkawża ħsara lill-istess minuri u jikser id-drittijiet fundamentali tiegħu.

Il-missier jissottometti illi llum il-ġurnata qabad it-triq it-tajba, għandu wild ieħor u anke negozju u għalhekk jissottometti b'mod egoistiku illi l-minuri Lincoln għandu jirritorna għandu mingħajr l-iċken kunsiderazzjoni għal fatt illi l-minuri Lincoln leħaq rabba l-għeruq tiegħu u r-relazzjoni primarja mal-familja li hu trabba fiha.

Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tistabilixxi illi l-Istat għandu a "margin of appreciation" u hija r-responsabbiltà tal-Istat illi jilħaq bilanċ ġust bejn l-interessi kunfliġġenti tal-partijiet. L-istess qorti tistabilixxi illi l-Istat għandu obbliġu li jaħdem mal-minuri u l-ġenituri sabiex ikun hemm possibilità reali ta' reintegrazzjoni iżda kemm-il darba din ma tibqax fl-interess suprem tal-minuri, ma jkunx hemm vjolazzjoni tad-drittijiet tal-ġenituri jekk il-minuri jingħata permanenza. Dan jingħad b'mod ċar fil-każ ta' *K. And T. vs Finland* (App No 25702/94 (ECtHR, 12 Lulju 2001). Fil-każ odjern, l-Istat ta priorità lill-familja bijoloġika tant li ffirma kuntratt soċjali man-nanniet paterni qabel ma ħarġet l-ordni għall-ħarsien, liema kuntratt soċjali n-nanniet paterni ma żammewx miegħu. Illi anke waqt il-perjodu ta' assessjar, id-Direttorat pprova jaħdem man-nanniet billi estenda l-aċċess taħt

moniteraġġ iżda <u>n-nanniet paterni naqsu milli jikkollaboraw</u> bis-sħiħ mal-professjonisti kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-proċeduri.

Id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li ma kellhomx rimedju quddiem Qorti imparzjali u indipendenti m'għandix mis-sewwa kif ġie spjegat aktar 'il fuq f'din ir-risposta. Ir-rikorrenti kellhom ir-rimedju li jmorru quddiem il-Qorti tal-Minorenni wara erba' xhur mill-konferma tal-ordni għall-ħarsien. Kemm-il darba ser jinsistu fuq dan l-aġġravju, ikun ifisser illi r-rikorrenti jħarsu lejn il-Qorti tal-Minorenni bħala qorti li mhix "imparzjali u indipendenti" mingħajr ma jagħtu ebda spejgazzjoni għal tali dikjarazzjoni.

Fil-fatt ir-rikors promotur tar-rikorrenti jinkludi dikjarazzjonijiet kunfliġġenti.  F'paragrafu 10 u 11, ir-rikorrenti jargumentaw illi ma kellhom l-ebda rimedju taħt il-Kap. 285 tal-Liġijiet ta' Malta iżda sussegwentement f'paragrafu 12, huma stess isemmgħu wieħed mir-rimedji li kien jipprovdi Kap. 285 u ċioè l-ewwel reviżjoni li setgħet issir wara erba' xhur – liema rimedju ma ntużax mir-rikorrenti.

Mhux minnu li r-reviżjoni taħt il-Kap. 285 tal-Liġijiet ta' Malta setgħet "ssir biss fuq diskrezzjoni tal-Ministru li jkun ħareġ l-Ordni u mill-organi interni fi ħdan l-istess Ministru".  Joħroġ ċar mid-diċitura tal-Artikolu 4(5) tal-Kap. 285 illi reviżjoni setgħet tintalab mill-ġenituri jew mill-kustodju tal-minuri.  Anke l-mod ta' kif kellha tintalab din ir-reviżjoni u ċioè permezz ta' ittra reġistrata lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali hija ndikattiva li t-talba għar-reviżjoni kellha ssir mill-ġenituri. <u>Għalhekk joħroġ biċ-ċar illi r-rikorrenti ma utilizzawx ir-rimedji ordinarji li kellhom iżda qiegħdin issa jittentaw jagħtu intepretazzjoni differenti għal kliem ċar tal-liġi sabiex jagħttu n-nuqqasijiet tagħhom</u>.

Sitwazzjonijiet fejn ikun hemm ordni għall-ħarsien ta' spiss jippreżentaw kunflitt fl-interessi tal-ulied u dawk tal-ġenituri, speċjalment mat-trapass taż-żmien. Il-ġurisprudenza hija waħda koerenti f'dak illi dejjem saħqet illi l-fattur determinanti f'kull deċiżjoni li għandha titieħed għandu jkun l-interess suprem tal-minuri - "the paramount interest".  Dik il-Qorti saħqet is-segwenti fil-każ *Strand Lobben and Others vs Norway* (App No 37283/13 (ECtHR, 10 September 2019):

206. In instances where the respective interests of a child and those of the parents come into conflict, Article 8 requires that the domestic authorities should strike a fair balance between those interests and that, in the balancing process, particular importance should be attached to the best interests of the child which, depending on their nature and seriousness, may override those of the parents (see, for instance, Sommerfeld v. Germany [GC], no. 31871/96, § 64, ECHR 2003-VIII (extracts)), and the references therein).

Għaldaqstant id-Direttorat esponenti jisħaq illi dan il-bilanċ intlaħaq stante illi bħala Direttorat huwa kien kontinwu fil-ħidma tiegħu mal-familja bijoloġika, anke meta kien hemm nuqqas ta' kooperazzjoni. Huwa baqa' jaħdem sabiex il-minuri jkollu aċċess mar-rikorrenti u baqa' jestendi tali aċċess, tant hu hekk illi anke kien isir aċċess taħt superviżjoni ġewwa l-ħabs. Minn naħa l-oħra wara erba' snin jirrisjedi ma' familja, prattikament ħajtu kollha, liema familja l-minuri jqis bħala l-bażi tiegħu, id-Direttorat esponenti jemmen illi l-interess suprem tal-minuri jirrikjedi illi l-ordni għall-ħarsien tibqa' fis-seħħ anke in vista tal-fatt illi reġgħu daħlu rapporti konċernanti dwar il-missier liema rapporti għadhom qiegħdin jiġu nvestigati mid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal.

Għalhekk, la darba d-Direttorat esponenti qiegħed jimxi mal-obbligi leġislattivi tiegħu ma jistax jingħad illi l-istess Direttorat qiegħed jagħti lok għal ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u għalhekk umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kif dedotti fir-rikors bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat illi l-każwa tħalliet għas-sentenza limitatament dwar l-ewwel erbgħa eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-Avukat tal-Istat kif ukoll dwar l-eċċezzjoni numru tlettax tad-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ).

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija azzjoni ta' indole kostituzzjonali permezz ta' liema r-rikorrenti qegħdin jitolbu dikjarazzjoni li ġew leżi d-drittijiet fondamentali tagħhom kif imħarsa permezz tal-Artikolu

39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

L-aġir lamentat jikkoncerna ħruġ ta' ordni ta' ħarsien fil-konfront tat-tifel minorenni li jiġi iben ir-rikorrenti Lineker David Micallef u n-neputi tal-atturi l-oħra li huma n-nanniet paterni tal-minuri. F'dan l-istadju partikolari tal-proċeduri huwa għal kollox irrelevanti x'kienu r-raġunijiet li wasslu għall-ħruġ ta' dik l-ordni. Stante l-fatt illi din hija sentenza preliminari il-Qorti sejra tillimita ruħha strettament għal dak illi huwa pertinenti għal deċiżjoni dwar dawn l-eċċezzjonijiet biex b'hekk tħalli impreġudikat il-mertu li għad irid jiġi deċiż, jekk ikun il-każ, fi stadju ulterjuri wara li l-partijiet kollha jkollhom l-opportunità li jissttomettu l-provi tagħhom fil-mertu.

Erbgħa huma l-eċċezzjonijiet preliminari li jridu jiġi trattati u deċiżi permezz ta' din is-sentenza.  Il-Qorti sejra tgħaddi minnufih sabiex tittratta dawn l-eċċezzjonijiet waħda waħda.

**Leġittimu Kontradittur**

L-Avukat tal-Istat eċċepixxa illi ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet attriċi.  Jibbaża din l-eċċezzjoni fuq żewġ fatturi: i. li l-aġir lamentat mhuwiex attribwibbli għal xi egħmil magħmul mill-Avukat tal-Istat; ii. Permezz ta' din il-proċedura r-rikorrenti mhumiex jattakkaw xi disposizzjoni tal-liġi.

L-ilment tar-rikorrenti huwa marbut mal-ħruġ ta' ordni ta' ħarsien liema ordni ħarġet fit-termini tal-Artikolu 4 tal-Kap 285 tal-Liġijiet ta' Malta, intitolat Att Dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien) liema disposizzjoni tagħti lill-Ministru responsabbli għall-għajuna soċjali is-setgħa li joħroġ tali ordni wara li jkun irċieva rakkomandazzjoni mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali u wara li jkunu nstemgħu il-fehmiet tal-ġenituri jew kustodji tal-minuri kkonċernat.

Minn qari tal-imsemmija disposizzjoni jidher car li l-Avukat Ġenerali m'għandu assolutament ebda rwol jew involviment fil-proċess illi jwassal għall-ħruġ ta' ordni ta' ħarsien għalhekk, l-

Avukat tal-Istat ma jistax jiġi attribwit xi ħtija għal għemil li ma kienx parteċipi fih.

Għal dak illi jirrigwarda min huwa leġittimu kontradittur f'kawżi kostituzzjonali l-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili jgħd bl-aktar mod ċar:

> *"181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."*

Fil-kawża fl-ismijiet Raymond Cassar Torreggiani et vs Avukat Generali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013 fejn ingħad:

> *"Illi l-kwestjoni ta` min huwa l-legittimu kontradittur xieraq f`azzjoni ta` ksur ta` jedd fundamentali tmur lil hinn mill-kwestjoni tal-interess guridiku tal-parti. Il-qofol tal-azzjoni ta` lment dwar ksur ta` jedd fundamentali huwa l-ghoti ta` rimedju xieraq ghal tali ksur, minbarra s-sejbien fih innifsu tal-ksur;*
>
> *"Illi l-Qorti taghraf il-fatt li l-kwestjoni dwar min ghandu jwiegeb ghall-ilment ta` ksur ta` jedd fundamentali tal-bniedem ilha zmien tkidd lil min ikun involut f`kawzi bhal dawn. Biz-zmien, tfasslu regoli ta` prattika biex jingharaf kontra min kawza bhal din imissha titressaq (Per ezempju, ara Kost. 7.12.1990 fil-kawza fl-ismijiet <u>Abela v. Il-Prim Ministru et</u> (Kollez. Vol: LXXIV.i.261). Il-hsieb dejjem kien li eccezzjoni bhal din m`ghandhiex isservi biex jitwal il-process tas-smigh tal-ilment fil-mertu, imma biex jigi mistharreg min tassew jista` jaghti r-rimedju f`kaz li jirrizulta li l-ilment tal-ksur tad-dritt fundamentali kien wiehed misthoqq (Kost. 6.8.2001 fil-kawza fl-ismijiet <u>Joseph M. Vella et v. Kummissarju tal-Pulizija et</u>). Mad-dhul fis-sehh fil-bidliet estensivi li saru fil-Kodici tal-Procedura fl-1995, u b`mod partikolari fl-artikolu dwar ir-rapprezentanza tal-Gvern fil-kawzi, jidher li tqies li l-problema tal-legittimu kuntradittur kienet b`hekk twittiet darba ghal dejjem. Dan l-izjed minhabba li l-artikolu 181B ma kien jaghmel l-ebda*

*distinzjoni dwar l-ghamla ta` procedura gudizzjarja li ghaliha kien jirreferi.*

*Mhux hekk biss, imma l-imsemmi artikolu jaghmel parti minn Titolu tal-Kodici li d-dispozizzjonijiet tieghu "jghoddu ghall-qrati kollha" (Art. 193 tal-Kap 12);*

*….*

*Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta` min ghandu jwiegeb ghal xilja ta` ksur ta` jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-ghamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-ghamla ta` rimedju li jista` jinghata. Ilu zmien li l-Qrati taghna gharfu din ir-rejalta` u ghalhekk sawru d-distinzjonijiet mehtiega applikabbli ghall-bicca l-kbira mill-kazijiet. Ghalhekk, illum il-gurnata jingharfu kategoriji differenti ta` persuni li jistghu jitqiesu bhala legittimi kuntraditturi f`azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jigifieri (a) dawk li jridu jwiegbu direttament jew indirettament ghall-ghamil li jikser id-dritt fundamentali ta` persuna, (b) dawk li jridu jaghmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) ghan-nuqqasijiet jew l-eghmejjel li bihom haddiehor jikser xi jedd fundamentali ta` xi hadd, u (c) dawk il-partijiet kollha li jkunu f`kawza meta kwestjoni ta` xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigh ta` xi kawza f`qorti (Kost. 7.12.1990 fil-kawza fl-ismijiet <u>Abela v. Onor. Prim Ministru et</u> (Kollez. Vol: LXXIV.i.261); u Kost. 6.8.2001 fil-kawza fl-ismijiet <u>Joseph Mary Vella et v. Kummissarju tal-Pulizija et</u>).*

*Ma` dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawza, jistghu jiddahhlu persuni ohrajn bil-ghan li jaghmlu shih il-gudizzju u jaghmluh rapprezentattiv ta` kull interess involut fil-kwestjoni;*

Fil-każ ta' llum il-Gvern huwa suffiċjentement rappreżentat mid-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) li huwa d-direttorat inkarigat mill-materja in kwistjoni. Għalhekk, u għar-raġuni li l-egħmil lamentat m'għandu ebda ness mal-Avukat tal-Istat, il-Qorti ssib illi ma kien hemm ebda ħtieġa illi jiġi mħarrek

anki l-Avukat tal-Istat li għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Stabbilit illi l-Avukat tal-Istat mhuwiex leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet minnu sollevati li għalhekk jibqgħu impreġudikati.

**Rimedji Ordinarji**

Jifdal li tiġi trattata l-eċċezzjoni tad-Direttorat intimat li r-rikorrenti rrikorrew għal dawn il-proċeduri mingħajr ma eżawrew ir-rimedji ordinarji disponibbli fit-termini tal-Artikolu 4 tal-Kap 285 u l-Artikoli 33(1) u 66(1) tal-Kap 602 intitolat Att Dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv).

Id-Direttorat intimat irrespinġa l-allegazzjoni li r-rikorrenti ġarrbu jew għadhom qegħdin iġarrbu leżjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom. Jipproponi l-argument illi l-liġi stess, permezz tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 285 u dawk tal-Kap. 602 tagħti rimedji ta' revizjoni u monitoraġġ regolari u li b'hekk allura hemm garanzija suffiċjenti għaż-żamma ta' bilanċ bejn l-interessi tal-minuri u tal-ġenituri tagħhom.

Dik il-parti tal-Artikolu 4 tal-Kap 285 li għandha rilevanza għall-eċċezzjoni in diżamina taqra hekk:

> *2) Kopja ta' kull ordni magħmul mill-Ministru taħt is-subartikolu (1) għandha tintbagħat minnufih b'ittra reġistrata lill-persuna li tkun qed teżerċita s-setgħa ta' missier fuq it-tifel jew iż-żagħżugħ, jew lill-kustodju tiegħu, jekk ikun hemm, li jkun mitlubjesprimi lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità ta Standardsta' Ħarsien Soċjali fi żmien wieħed u għoxrin jum mid-data li fiha jkun irċieva l-imsemmija ittra, jekk joġġezzjonax għall-imsemmi ordni.*

Is-subinċiż (3) tal-istess dispożizzjoni jipprovdi i l-oġġezzjoni fit-termini tal-Artikolu 4(2) tista' ssir anki verbalment.

Artikolu 33(1) tal-Kap 602 jipprovdi hekk:

*33.(1) L-ewwel reviżjoni tal-pjan ta' ħarsien għandha ssir quddiem il-Bord ta' Reviżjoni mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data tal-ordni għall-protezzjoni tal-minuri, u kull reviżjoni sussegwenti għandha ssir mill-inqas darba kull sitt xhur:*

*Iżda l-ħaddiem soċjali ewlieni jew it-tutur u, jew kuratur tal-minuri, skont il-każ, jista' jressaq talba b'urġenza lill-Bord ta' Reviżjoni sabiex jirrevedi l-każ qabel jagħlaq il-perjodu ta' sitt (6) xhur u dan minħabba li l-minuri ikun qed isofri, jew qiegħed f'periklu li jsofri, ħsara sinifikanti fit-tqegħid taħt ħarsien jew bħala riżultat tal-pjan ta' ħarsien:*

*Iżda wkoll, f'kull każ, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jappunta t-talba għas-smigħ mhux aktar tard minn ħamest ijiem utili mill-preżentata tat-talba, u għandu, wara li jisma' l-partijiet involuti, jagħti d-deċiżjoni fuq it-talba b'urġenza.*

L-Artikolu 66(1) tal-Kap 602 jaqra hekk:

*66.(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kull parti fi proċedimenti taħt dan l-Att li tħoss ruħha aggravata minn deċiżjoni tista' tappella billi tippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) kostitwita skont l-artikolu 41(9) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:*

*Iżda għall-għanijiet ta' dan l-artikolu l-minuri għandu wkoll jitqies parti aggravata, kif jista' jiġi rappreżentat mill-Avukat tat-Tfal assenjat lilu:*

*Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi deċiżjoni partikolari ma ġiex eżawrit skont dan l-Att.*

Il-Qorti tifhem illi l-ilment tar-rikorrenti jikkonċerna li huma preklużi milli jikkontestaw l-ordni ta' ħarsien stante l-fatt illi fil-fehma tar-rikorrenti l-liġi ma tipprovdix proċedura għal dan l-iskop.

Fil-każ ta' DeJorio vs Italy (App. no 73936/01 para. 45) deċiż fit-3 ta' Ġunju 2004, il-Qorti Ewropea (ECHR) kellha l-opportunita' li tgħallem illi d-dritt għal aċċess tal-Qorti iffisser li l-individwu għandu jingħata,

> *"a clear and practical opportunity to challenge an act interfering with his civil rights*."

Anki l-Qorti Kostituzzjonali kellha l-opportunita' li tistħarreġ kwistjonijiet bħal dawk mertu tar-rikors odjern. Fil-fatt ġie deċiż illi ġenituri li jsibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni bħal dik tar-rikorrenti m'għandhom ebda aċċess għall-Qorti sabiex jisfidaw il-ħruġ, il-validita' u fuq kollox il-kontinwita' ta ordni ta' ħarsien.

Fis-sentenza fl-ismijiet Marianne Decelis vs Avukat Ġenerali deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-2 t'April 2009 ingħad hekk:

> *"Il-liġi tagħti żmien (ta' wieħed u għoxrin jum minn dak inhar li jkun laqa' l-ittra-avviż li jkun sejjer jinħareġ ordni bħal dak) lil min irid biex biex jikkontesta – imqar bil-fomm – ordni għall-ħarsien u l-każ jistema' mill-Qorti tal-Minorenni[1]. Tipprovdi wkoll dwar kif jitmexxa każ bħal dan quddiem dik il-Qorti u wkoll tirregola b'reqqa aspetti proċedurali u probatorji marbuta ma' smigħ bħal dak[2].Madankollu, ma jidher li l-liġi tipprovdi għall-ebda rimedju ġudizzjarju ieħor fil-każ ta' min ikun naqas li joġġezzjona għal ordni fiż-żmien statutorju msemmi, jew għal min, minkejja li ma tkunx intlaqgħet l-oġġezzjoni, ikun jixtieq li jitlob reviżjoni minn żmien għal żmien taż-żamma fis-seħħ ta' ordni bħal dak. Huwa dwar din l-aħħar ċirkostanza li r-rikorrenti ssejjes l-ilment tagħha bi ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni*."

Fil-kas ta' M.D and Others vs Malta, b'deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2017 il-Qorti Ewropea rriteniet illi:

[1] Art 4(3) tal-Kap 285

[2] Reg. 5 tal-. Avviż Legali 49/85 (L.S. 285.01)

*"55. The Court notes that the Civil Court in its constitutional jurisdiction had found that there was no remedy granting access to a court for the first applicant or anyone in her position wanting to have the merits of a care order re-examined (see paragraph 18 above). Similarly, the Constitutional Court alluded to the same conclusion, although it did not make a finding on that issue (see paragraph 22 above). The Government have not submitted that a judicial remedy existed to challenge a care order during the time it was in force, namely until the minors reached eighteen years of age. Indeed, the Government argued that the courts would not be the right venue for such an assessment. The Court considers that such an argument runs counter to the entire basis of Article 6, which provides for access to an impartial and independent tribunal for the determination of civil rights and obligations. It is precisely a tribunal's role to supervise administrative action in any field and guarantee freedom from arbitrariness. Moreover, any assessment made by the courts would evidently take into consideration the input given by the relevant actors, such as the social workers in the present case. It follows that the Government's argument is no excuse for the fact that the Maltese system provided no access to a tribunal which could evaluate the applicants' situation.*

*56. Moreover, the Court cannot accept that a review by the social workers who reported to the Minister, who could in turn revoke a care order, would constitute an "impartial and independent tribunal". Furthermore, the legal framework providing for this process did not afford the possibility for the applicants to make such an application, nor has it been shown that any decision in this field would be written and made public in order to provide for the possibility of a judicial review.*

In vista tad-deċiżjonijiet tal-Qrati Maltin u dawk tal-Qorti Ewropea dwar il-materja in diżamina, gew introdotti emendi biex jindirizzaw dawk in-nuqqasijiet. L-Att XXXIII li daħal fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 585 tal-2014, introduċa is-subinċiż (5) li esenzjalment huwa emenda li biha ġew indirizzat xi nuqqasijiet

fil-liġi billi ġie maħsub u mwettaq mekkaniżmu legali għal reviżjoni ta' ordnijiet ta' ħarsien. Id-disposizzjoni tipprovdi illi:

> "*(5) Jekk il-Qorti tal-Minorenni tikkonferma li l-ordni saret taħt is-subartikolu (1), il-persuna msemmija fl-imsemmi subartikolu tista', wara erba' xhur wara dik il-konferma, titlob lill-Qorti tal-Minorenni biex tirrevedi l-ordni. Dik it-talba għandha ssir permezz ta' ittra reġistrata lil-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali. L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali għandu, mhux iżjed minn sebat ijiem mid-data tal-wasla ta' dik l-ittra, jirreferi l-każ lill-Qorti tal-Minorenni bl-istess mod hekk kif preskritt bir-regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, b'dan illi dik il-Qorti għandha tiddeċiedi dwar dik ir-referenza fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata minn meta saret dik ir-referenza.*"

In vista tal-introduzzjoni ta' din l-emenda fil-liġi fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet Geoffrey Mizzi et vs Il-Ministru Għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali et il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat illi:

> "*... l-emenda fil-ligi li giet ippromulgata permezz tal-imsemmi Att promulgat fl-14 ta' Awwissu, 2014 u li gie fis-sehh fil-15 ta' Ottubru tal-istess sena, indirizzat in-nuqqas ta' access ghal sistema gudizzjarja li kienet toffri access ghal talba ghal revizjoni ta' ordni ghall-harsien, setghet biss twaqqaf l-istat ta' ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti Mizzi, izda mhux thassru. Issa pero` ghandhom rimedju konsistenti fi dritt moghti bil-ligi li jikkontestaw dik l-ordni bis-sahha tal-emenda fuq indikata*."

Fil-każ tal-lum it-talba tar-rikorrenti tirrigwarda allegat ksur tad-drittijiet fundamentali kif imħarsa taħt l-Atikolu 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minn dak inhar tal-ħruġ tal-ordni ta' ħarsien sa llum stante illi dik l-ordni għadha fis-seħħ. Il-Qorti tqis illi l-ilment tar-rikorrenti li m'għandhomx rimedju effettiv sabiex jattakkaw il-validità u ż-żamma fis-seħħ ta' dik l-ordni ta' ħarsien m'għandux mis-sewwa. L-ordni ta' ħarsien mertu ta' dawn il-proċeduri ħarġet fl-1 ta' Frar 2018 waqt illi l-proċeduri odjerni ġew istitwiti b'rikors tat-18 ta' Frar

2022 u allura snin wara li daħal fis-seħħ is-subinċiż (5) tal-Artikolu 4 tal-Kap 285. Il-Qorti tqis għalhekk illi l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex ġustifikat għaliex jekk kemm il-darba dawn qegħdin iħossuhom aggravati bil-ħruġ tal-ordni ta' ħarsien u biż-żamma tagħha fis-seħħ, il-liġi tipprovdilhom mekkanizmu u allura rimedju effettiv kif jistgħu jattakkaw dik l-ordni.  Il-Qorti tirribadixxi illi l-proċess kostituzzjonali huwa wieħed speċjali fin-natura tiegħu u m'għandux jiġi abbużat jew sfruttat kapriċċożament.

L-Art 46(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi:

> *Il-Prim`Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma` u tiddecidi kull talba maghmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta` dan l-artikolu, u tista` taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta` kull wahda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna :*
>
> *Izda l-Qorti tista`, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont dan is-subartikolu f`kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi ligi ohra.*

L-istess prinċipju huwa rifless fl-Art 4(2) tal-Kap 319 fil-każ ta' allegata vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali.

Kif inghad minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet John Grech et v. Onor. Prim Ministru et li kienet deciza fid-29 ta' April 2013 (u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014) :-

> *Illi din il-kwistjoni giet dibattuta diversi drabi fil-Qrati taghna. Il-Qorti Kostituzzjonali dahlet fil-fond taghha fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet* ***"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"*** *(deciza fis-7 ta` Marzu 1994) fejn,*

*wara li elenkat numru ta` sentenzi precedenti, qalet fost affarijiet ohra illi :*

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim` Awla u kemm ta` din il-Qorti jistghu jitnisslu dawn il-linji gurisprudenzjali :*

*a. Meta hu car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrenti biex ikollu rimedju ghad-danni li qed jilmenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta` natura Kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawlhiex ragunijiet serji gravi ta` llegalita` jew ta` gustizzja jew zball manifest ma tiddisturbax l-ezercizzju ta` diskrezzjonalita` tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;*

*c. Kull kaz ghandu l-fattispecje partikolari tieghu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta` kellu dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li ma ghandhiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero` jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx ezawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero` dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta` haddiehor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz;*

*f. Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**Philip Spiteri vs Sammy Meilaq**" (deciza fit-8 ta` Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oggett tal-kawza jkun ta` natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li ghandhom rimedju f`xi ligi ohra, u ohrajn li ma ghandhomx, rimedju hlief Kostituzzjonali – allura ghandha tipprevali din l-ahhar azzjoni". F`din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma `komplessa` jizdied il-kliem `jew inkella mhallta`.*

*Fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et</u>**" (deciza mill-Prim` Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta` Settembru 2010) gie dikjarat illi :*

*"L-ezistenza ta` rimedju iehor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx ghalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirrizulta li r-rimedju sejjer jaghti lir-rikorrenti success garanti. Huwa bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista` jigi segwit b`mod prattiku, effettiv u effikaci.*

*Meta jidher li jezistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu r-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f`dan is-sens wiehed jista` jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**<u>Joseph Fenech vs Awtorita` tal-Ippjanar et"</u>** deciza fid-9 ta` Novembru 2012*

*…*

*Illi wiehed ghandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta` Malta ssemmi mezzi li `kienu disponibbli` u allura anke jekk kien hemm mezzi li `kienu` disponibbli ghar-rikorrent izda li minhabba t-trapass taz-zmien ma jkunux ghadhom (disponibbli), il-Qorti tista` jekk hekk jidhrilha tiddeklina li tezercita l-gurisdizzjoni taghha.*

Fil-kawża Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Socjali et deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' Frar 2006, saret ampja referenza għal aktar ġurisprudenza in tema:-

> *"Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta` natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humhiex disponibbli."* (***Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe*** *– Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta` Marzu 1994).*
>
> *"Hu veru li kull persuna tista` tirrikorri lill-Prim Awla ghal rimedju ta` indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta` dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista`, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dak l-artikolu f`kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat `huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra.`"* *(****Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru*** *– Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t`April 1995.)*
>
> *"Sakemm tibqa` l-possibilita` li l-lezjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista` tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."* (***Stephen Falzon vs Registratur tal-Qorti et*** *– Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta` Frar 2002).*
>
> *"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha poteri diskrezzjonali wiesgha biex tiddeciedi li ma tezercitax il-poteri taghha meta r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji possibbli taht il-ligi ordinarja."* *(****Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et"*** *– Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta` Mejju 2000).*

Jibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tagħżel li "*teżerċita s-setgħat tagħha*". Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar jekk

teżerċitax jew le s-setgħat kostituzzjonali tagħha l-Qorti ghandha tqis jekk ir-rikorrenti kellux rimedji ordinarji li huma disponibbli, effettivi, u effikaċi sabiex jindirizza l-ilment tiegħu. Trid tqis ukoll jekk ir-rimedji ordinarji disponibbli jkoprux l-ilment tar-rikorrenti fit-totalità tiegħu.

Jirriżulta illi għajr għall-oġġezzjoni li r-rikorrenti rreġistraw inizjalment meta ħarġet l-ordni ta' ħarsien, ir-rikorrenti qatt ma ħadu passi ulterjuri sabiex jattakkaw jew jirrevedu dik l-ordni. Il-Qorti hija tal-impressjoni illi r-rikorrenti fil-fatt mhumiex familjari mal-Artikolu 4(5) tal-Kap. 285 tant illi fil-paragrafu numru 12 tar-rikors promotur jisħqu u jinsistu li *"l-liġi tagħna ma holqitx procedura gudizzjarja, oltre l-ewwel revizjoni li tista' tintalab biex issir mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni, sabiex jigi attakkat l-ordni ghall-harsien jew sabiex issir revizjoni dwar iz-zamma fis-sehh ta' dik l-ordni ghall-harsien. Minflok, tali revizjoni tista' ssir biss fuq diskrezzjoni tal-Ministru li jkun hareg l-Ordni u mill-organi interni fi hdan l-istess Ministru*." Jgħidu għalhekk illi huma pprivati minn sistema ġudizzjarja li toffri smiegħ xieraq.

Applikat dan it-tagħlim għall-każ in diżamina, il-Qorti ssib illi r-rimedju ordinarju disponibbli għar-rikorrenti huwa wieħed effettiv sabiex jindirizza l-ilment tiegħu. Tqis għalhekk illi f'dan il-każ partikolari l-Qorti m'għandiex teżerċita s-setgħat tagħha kif adita.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari billi:

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u waqt illi tiddikjara li mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet tar-rikorrenti, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Tastjeni għalhekk milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat.

3. Tilqa' l-eċċeżżjoni numru 13 kif sollevata mill-intimat Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) u tiddikjara li r-rikorrenti m'eżawrewx ir-rimedji ordinarji disponibbli fil-liġi. Konsegwentement, ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-

Kostituzzjoni, il-Qorti qegħda tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha.

4. Tordna lir-rikorrenti jħallas l-ispejjeż konnessi ma' dawn il-proċeduri.

IMHALLEF

DEP/REG